TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/220/16/S

Joevin Ellul

Vs

Malcolm Galdes ezercenti l-kummerc bhala Fact Phone Shop

Illum 15 ta'Gunju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Joevin Ellulipprezentata fit-22 ta'Novembru,2016 u r-risposta ta' Malcolm Galdes ezercenti l-kummerc bhala Fact Phone Shop ipprezentata fit-3 ta'Frar,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fis-27 t'April,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'mobile' li wara xahar hareg 'difett' taht l-'iscreen' filwaqt li l-intimat sostna li dan id'difett' kien kawza ta' daqqiet li kellu l-istess 'mobile';

Illi jinghad mal-ewwel li l-'mobile' hadem sew u l-allegat 'difett' ma kellux effett fuq l-uzu tieghu;

Illi jinghad ukoll li ghalkemm l-ilment kien dejjem l-istess, kien biss wara t-tieni darba li t-teknici ta' barra (fejn intbaghat ghat-tiswija l-'mobile') taw bhala raguni ghad-'difett', id-daqqiet li kellu l-istess 'mobile';

Illi minn dak li gie muri t-Tribunal, dawn id-daqqiet kienu minimi;

Illi l-'iscreen' tal-'mobile' gie mibdul l-ewwel darba pero mhux it-tieni darba;

Illi t-Tribunal hu tal-fehma li dak allegat mir-rikorrent ma giex kompletament ippruvat filwaqt li jhoss li l-istess rikorrent kellu jinghata soluzzjoni iktar malajr *stante* li qed nitkellmu fuq teknologija li tinbidel il-hin kollu;

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li tenut kont dak fuq inghad, inkluz izda mhux biss, tat-trapass taz-zmien mix-xiri tal-oggett, it-talba tar-rikorrenti ghar-rifuzjoni tal-prezz kollu, hi wahda sproporzjonata;

Ghaldaqstant wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* t-talba tar-rikorrenti Joevin Ellul filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Malcolm Galdes ezercenti l-kummerc bhala Fact Phone Shop, Jordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' €75 u jirritornalu l-'mobile' funzjonanti u dan minghajr hlas daparti tar-rikorrenti, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru